ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
20 JAN 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

41

Illum 15 ta' Jannar 2021,

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
20 JAN 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar,

Appell mressaq minn Jason Laus

Qed issir referenza għall-applikazzjoni tal-permess numru PA/0569/20 u li d-deċiżjoni tiegħha ittieħdet fit-18 ta' Diċembru 2020 u ġiet ippublikata fit-30 ta' Diċembru 2021. Din l-applikazzjoni ma kelliex tintlaqa għal-diversi raġunijiet li ser ikunu elenkati f'dan l-appell:

1. Fit-2 ta' Settembru 2020, l-uffiċjal tal-Awtorita' Melissa Fenech irrakkomandat sabiex l-applikazzjoni tintlaqa diment li *'no adverse public health impacts and nuisances are caused to the nearby residential area from any emissions (air pollution, odours), noise and vibrations during the operational phase'*. Diversi provi ġew sottomessi li juru biċ-ċar li dan mhux minnhu u li fil-fatt il-ħsejjes u l-vibrazzjonijiet li jinqalgħu mill-attivita' tal-applikant qegħdin iħallu impatt negattiv fuq ir-residenti tal-akwati.

   L-unika prova a kuntratju ta' dan li sar mill-applikant kien ir-rapport tal-inġinier Liana Zerafa. Iżda dan ir-rapport prova jqarraq bil-fatti. Fil-rapport tal-Inginiera Zerafa qatt ma ġie elenkat minn fejn ittieħdu il- livelli tal-ħsejjes. L-unika referenza li saret f'dan ir-rigward hi *' at the opposite corner of the garage which corresponds to the location of the closest occupied space'*. F'kull każ dawn il-livelli kellhom jiġu mkejla mill-ewwel bieb jew tieqa ta' xi residenza. B'hekk biss nkunu nafu verament dawn il-ħsejjes kif qegħdin jaffetwaw lir-residenti tal-viċinanzi.

   Skont l-*istandard* Brittaniku BS4145:2014 *'Method for Rating Industrial Noise and affecting Mixed Residential and Industrial areas'* li hu l-*istandard* li jimxu miegħu il-maġġior parti tal-istati Ewropej juri fiċ-ċar li f'dan ir-rigward l-*ispecific noise level* għandu jiġi mkejjel minn quddiem bieb ta' residenti filwaqt li l-*background noise* għandu jiġi mkejjel meta s-sors tal-*ispecific noise* ma jkunx qiegħed jopera.

2. Fir-rapport preżentat mill-applikant tal-Inġiniera Zerafa, ma ssir l-ebda referenza għal xi standard lokali jew internazzjonali tal-livelli tal-ħsejjes. Għaldaqstant nindunaw kif ir-rapport mhux ibbażżat fuq xi liġijiet jew standars riċerkati iżda fuq l-opinjoni tal-inġiniera biss.

   Lanqas saret referenza għal linji gwida ippubblikati mill-*World Health Organization* fl-1999: *'Guidelines for communit noise, Guideline valuse for Community noise in specific environment'* li jispeċifikaw li l-livelli tal-ħsejjes aċċettabli mal-ġurnata hu ta' 45dB. Skont dak mkejjel mill-Inġiniera Zerafa, l-applikant jeċċedi sew dawn il-livelli, b'detriment għalina r-residenti.

3. Fil-konklużjoni tar-rapport tagħha, l-Inġiniera tikteb *'the recommended noise mitigation measures need to be implemented'* sabiex il-garaxx ikun mal-livelli meħtieġa. Għaldaqstant l-

Awtorita' tal-Ippjanar kellha f'kull rigward timponi kundizzjonijiet lill-applikant bħala mitigazzjoni tal-livelli għoljin ta' ħsejjes u vibrazzjonijiet, bħala ma sar fir-rigward tar-riskju ta' nar fil-garaxx.

4. L-applikazzjoni li ġiet approvata, skont id-deċiżjoni meħuda fit-18 ta' Diċembru 2020 titlob li qabel l-applikant jibda jopera, irid jissodisfa l-kundizzjonijiet imposti mill-istess Awtorita' tal-Ippjanar. Madanakollu l-applikant beda jopera u joffri s-servizzi tiegħu mill-għada stess, jiġifieri fid-19 ta' Diċembru 2020. Kien biss wara li saru rapporti minn residenzi, u ġie mitkellem minn uffiċjali tal-Awtorita' tal-Ippjanar li waqaf jopera fit-23 ta' Diċembru 2020. Din kienet it-tieni darba li l-Awtorita tal-Ippjanar kellha tintervjeni sabiex twaqqaf l-applikant milli jkompli jopera mingħajr permess.

Għaldaqstant u għal dawn ir-raġunijiet msemmija qiegħed nitlob sabiex id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar fir-rigward tal-applikazzjoni numru PA5269/20, meħuda fit-18 ta' Diċembru u 'ppublikata fit-30 ta' Diċemrbu 2020, tigi mħassra u revokata, jew sostitwita' sabiex timponi kundizzjonijiet oħra fuq l-applikant.